MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 779/1997/1

Charles Buttigieg
vs
Chairman AirMalta Company Limited

Illum 28 ta' Ottubru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrent fil-31 ta' Ottubru 1997 fejn talab illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, ir-rikorrent garrab ingustizzji fl-impieg tieghu mal-Air Malta Company Limited billi ma nghatax xoghol adegwat ghall-grad tieghu, ma inghatax il-facilitajiet mehtiega biex jaghmel ix-xoghol tieghu, gie ipprivat minn beneficcji li impjegati ohra kienu jgawdu u gie mcahhad minn promozzjonijiet li kien jimmerita.

Illi fit-30 ta' Lulju 1987 ir-rikorrent tnehha mill-kariga ta' Manager Malta Sales li kien jokkupa. Sad-19 ta' Awissu

ma nghatax skrivanija u lanqas ufficcju. Meta f'okkazjoni kellu jmur il-Polyclinic gie sospiz ghax assenta ruhu mill-post tax-xoghol. Tnehhitlu l-koncessjoni ta' "travel" ghal sena shiha. Fit-2 ta' Settembru 1988 huwa kien assenjat doveri godda izda il-General Manager Marketing qal li ma kellux x'jaqsam ma' dan, u ma setax jassenjalu xoghol. Fl-ahhar inghata xoghol fl-advertising li kien qabel isir minn Clerical Grade I. Gie sospiz ghaliex ipprotesta ghax-xoghol li nghata. F'Mejju 1991 inghata l-kariga ta' Manager Product Services Northern Region. F'Mejju 1992 inghata l-kariga ta' Manager Systems Groups and Special Projects, liema xoghol seta' jsir minn wiehed li lanqas kellu grad ta' "executive". F'Mejju 1993 ittrasferewh ghal Business planning and Development Department fejn kwazi ma kien jinghata ebda xoghol x'jaghmel

Illi t-trattament li r-rikorrent inghata fis-snin imsemmija kien diskriminatorju abbuziv u degradanti.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti imsemmija u jiddikjara li r-rikorrent garrab ingustizzji fis-snin imsemmija billi ma nghatax ix-xoghol li kien jixraqlu, billi intbaghat 'l hawn u 'l hinn bla raguni, billi ttiehdu passi dixxiplinari kontrih minghajr gustifikazzjoni, billi gie degradat fuq ix-xoghol, u mcahhad minn beneficcji li ghalihom kien intitolat, u billi ma nghatax promozjonijiet kif kien jimmeritah u ghalhekk tiddikjara li l-kumpanija intimata ghandha tara li tpatti lir-rikorrent ghan-nuqqasijiet kollha li ghamlet mieghu fis-snin imsemmija u li jordna li r-rikorrent jinghata kumpens xieraq li jigi iffissat mhux anqas minn Lm5000 ghad-danni kollha li r-rikorrent sofra u l-ingustizzji li huwa garrab.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tac-Chairman Air Malta Company Limited li eccepixxa:

Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda stante li kontrarjament ghal dak li qed jallega r-rikorrent, ma saret

ebda xorta ta' ingustizzja jew diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi kull trasferiment li garrab ir-rikorrent gie moghti fid-dawl ta' l-esigenzi tas-socjeta` intimata. Huwa maghruf tajjeb fil-prassi industrijali illi l-esigenzi tas-servizz mas-socjeta` intimata jiddettax il-bzonn ghal tali trasferimenti, liema trasferimenti jigu effettwari fid-diskrezzjoni tas-socjeta` intimata nnifisha. Bla dubju l-efficjenza fil-qasam in kwistjoni u l-kompetenza li tigi murija mill-istess impjegat waqt xoghlu huma fatturi kardinali fl-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni.

2. Illi r-rikorrent dejjem kellu problemi fir-relazzjonijiet tieghu, kemm mas-superjuri tieghu kif ukoll ma ta' tahtu. Xhieda ta' dan huma l-istaff confidential reports ta' l-1989, l-1990 u l-1992 hawn wara mehmuza bhala Appendici A, B, u C rispettivament.

3. Illi mhux gustifikata l-allegazzjoni tar-rikorrent li diversi dmirijiet li kien obbligat li jwettaq kienu degradanti fid-dawl tal-posizzjoni li kien jokkupa fl-istess socjeta` intimata. Ir-rikorrent m'ghandu l-ebda dritt jiddetermina liema huma d-dmirijiet li ghandu jwettaq u liema huma dawk li abbazi tad-diskrezzjoni soggettiva tieghu ma jixtieqx li jaghmel.

4. Illi hija nfundata l-allegazzjoni tar-rikorrent li sofra xi tip ta' diskriminazzjoni fl-interview li sehhet fit-12 ta' Frar 1997 ghal kariga ta' Head in the Commercial Department. Ir-rikorrent ikklassifika ruhu fis-seba' post u ghaldaqstant ma giex maghzul ghal tali kariga (vide Appendici D).

5. Illi r-rizultat ta' l-interview gie wkoll ikkonfermat mir-rapport tal-Bord ta' l-Appell ta' l-istess socjeta` intimata (vide Appendici E).

6. Illi l-mizuri dixxiplinari (vide Appendici F) fil-konfront tar-rikorrent ma gewx mehuda arbitrarjament izda minhabba l-fatt li hu la talab permess biex jigi ezentat minn fuq xoghlu u sahansitra lanqas ressaq rapport sussegwentament biex jiggustifika l-assenza tieghu.

7. Illi t-"telephone" u "transport allowance" gew revokati (vide appendici G, u I rispettivament) minhabba l-fatt li huwa ma baqax jezegwixxi d-dmirijiet marbuta mal-kariga ta' Manager Sales u ghalhekk kull talba ghal tali allowances hija nfundata fid-dritt u fil-fatt.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ghar-ragunijiet ohra li jistghu jinqalghu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-intimat talab lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tal-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Qabel mat-Tribunal jghaddi biex jikkunsidra l-meritu irid jiddisponi mill-kwistjoni tal-gurisdizzjoni mqajma mis-socjeta` intimata fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha fejn qeda tallega li dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti biex jiehu konjuzzjoni ta' transfers jew promozzjonijiet li setghu saru qabel it-30 ta' Settembru 1988 peress li r-rikorrent kien intavola kawza Kostituzzjonali sabiex jigu kawtelati d-drittijiet tieghu fi hdan il-Kumpanija intimata.

Ikkunsidra

Ir-rikors Kostituzzjonali gie prezentat fl-4 ta' Ottubru 1988 bin-numru 245/88 fl-ismijiet "Charles Buttigieg vs Albert Mizzi noe" fekn intalab illi jigu nvestigati xi lmenti illi saru fil-konfront tar-rikorrent qabel it-30 ta' Settembru 1988. Dan ir-rikors Kostituzzjonali mar dezert fit-2 ta' Novembru 1992. Kien ir-rikorrent stess permezz ta' verbal tal-15 ta' Mejju 1992 illi talab illi r-rikors imur sine die, ghalhekk ir-rikorrent kien konxju tal-konsegwenzi tat-talba tieghu li jekk ma jittiehdux certa azzjonijiet skond il-ligi r-rikors tieghu kien se jmur dezert, kif fil-fatt gara. L-artikolu 6 (2) ta' l-Att VII ta' l-1997 jghid "…. It-Tribunal m'ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-Att f'kull kaz… li dwaru jkun tressaq kaz quddiem xi Qorti." Biex

jigu sodisfatti r-rekwiziti ta’ dan l-artikolu m’hemmx ghalfejn Qorti tiehu decizzjoni finali dwar xi kaz mressaq quddiemha, bizzejjed l-ezistenza ta’ kawza fuq l-istess meritu biex it-Tribunal ma jkollux il-kompetenza jiehu konjuzzjoni ta’ kawza li jkun hemm quddiemu. Ghalhekk kif tajjeb osservat is-socjeta` intimata, dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjuzzjoni ta’ xi lmenti li sehhu qabel Settembru 1988, dan minghajr pregudizzju tad-dritt tar-rikorrent fl-isfond ta’ l-artikolu 963 (6) tal-Kap 12.

Ikkunsidra

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, r-rikorrent dahal jahdem mas-socjeta` intimata fid-19 ta’ Novembru 1973 bhala ‘Passenger Sales Representative’ baqa’ fid-Dipartiment tas-Sales sa l-1 ta’ Gunju 1986 fejn gie promoss ghal ‘Executive Grade II’ u kien ‘Manager within the Marketing Department’. L-inkwiet ghar-rikorrent beda fl-1 ta’ Settembru 1988 fejn gie trasferit ghal ‘Manager’ fl-‘Advertising Section’ sussegwentement minn hemmhekk saru diversi trasferimenti l-ewwel mal-‘Product & Marketing Services Department’. F’April 1992 gie trasferit fil-‘Groups & Projects Marketing Department’ bhala Manager fil-‘Marketing Services Department’. F’Dicembru 1996 gie trasferit fil-‘Marketing and PR Department’ u imbaghad fit-13 ta’ Jannar 1997 Manager “Helicopter Service” u fl-1 ta’ April 1997 bhala Head “Helicopter Service’. L-ilmenti tar-rikorrent jkopru minn Settembru 1988 sat-13 ta’ Jannar 1997, f’dan il-perjodu saru diversi trasferimenti lejn Dipartimenti li ma kienux joffru xoghol produttiv lir-rikorrent anzi, skond hu kien qieghed semplicitament jahli z-zmien jirrispondi ghal nies ta’ grad inferjuri ghalih u ma jinghatax xoghol.

Ikkunsidra

Meta wiehed jara l-file tar-rikorrent kif ukoll id-dokumenti hemm annessi rrizulta li kien hemm perjodu fejn ir-rikorrent kien fis-“Sales Department Malta” fejn jidher li kellu xi kwistjonijiet ma diversi agenti f’Malta. Dan xehdu Joe Cappello fejn qal li r-rikorrent kien bniedem difficli, puntirjuz hafna u kellu numru ta’ problemi ma agenti

individwali liema reputazzjoni kien isibha anki fir-rigward tieghu (fol 49). F'dan il-perjodu nsibu ukoll warning maghmul mill-Kaptan Harold Harris bhala General Manager Marketing fejn ir-rikorrent ma kienx qed josserva regolamenti tal-Kumpanija illi kull xahar kellu jibghat rapporti ta' l-operat tieghu (106). Warning ohra inghatat mill-istess Kaptan Harris fis-6 ta' Novembru 1985 (fol 104) fejn ir-rikorrent arbitrarjament kien biddel ix-xoghol tal-hinijiet minghajr ma ottjena l-permess mis-Superjuri tieghu. Dawn il-warnings pero ma jidhrux li affetwaw il-karriera tar-rikorrent ghax fil-15 ta' Ottubru 1986 gie promoss ghal Executive Grade II. Fit-23 ta' Novembru 1987 gie deciz illi r-rikorrent jitlef ir-'rebate' ghat-'travel allowance' ghal sena shiha wara li huwa kien assenti mill-post tax-xoghol tieghu minghajr ma ottjena l-permess (fol 102). Ir-rikorrent ikkontesta din id-decizjoni tal-Administrative Consultant peress li qal li kellu raguni gusta ghaliex illontana ruhu mix-xoghol.

Fil-kors ta' din il-kawza s-socjeta` intimata esebit tlett 'staff confidential reports' li jkopru l-perjodu 1989 sa 1992. Ta' min jinnota illi l-ewwel zewg rapporti ma fihom l-ebda rimarka u ma jidhirx illi gew morija lir-rikorrent kif kellu dritt darba jkun hemm kumment negattiv. It-Tribunal jinnota pero illi dawn ir-rapporti ma fihom l-ebda kummenti u ghalhekk ma jistax jasal ghal konkluzzjoni x'decizzjonijiet setghu ttiehdu abbazi ta' dawn ir-rapporti kif hekk formulati. Ir-rapport ta' l-1992 pero jikkonkludi li r-rikorrent ghandu "plenty of (old fashioned) selling and hardly any marketing tactic. Unable to work in a team." Il-Head of Section jirrimarka "We have now given Mr. Buttigieg new duties within product, we hope he will settle down to cover his new assignment," datata ta' l-1 ta' Gunju 1992. Dawn in-'new duties' kienu fis-"Systems Group and Special Projects" fejn skond ir-rikorrent inghata xoghol li seta' facilment isir minn Executive Officer.

F'dan il-perjodu r-rikorrent kien jirraporta direttament lil Leslie Muscat bhala Group Head Southern Europe. Is-Sur Muscat xehed a fol 55 tal-process u kkonferma li r-rikorrent kien jirraporta dirett lilu. Fix-xhieda tieghu jghid li dan sar "…. Wara li kien trasferit min hafna

Dipartimenti…" Muscat kellu relazzjonijiet tajbin mieghu u anki mal-bqija ta' l-staff u kkonkluda illi ma jidhirlux li kien hemm xi tip ta' problemi ta' komunikazzjoni. Wasal ghal konkluzjoni illi fl-isfond tac-cirkostanzi r-rikorrent Charles Buttigieg kien 'under utilised' jigifieri li r-rikorrent kien kapaci jaghti kontribut lill-Kumpanija ferm aktar milli fil-pozizzjoni fejn kien. Illum is-sitwazzjoni tidher li giet sanata peress illi r-rikorrent stess jghid fl-ahhar tax-xhieda tieghu illi r-relazzjonijiet mas-socjeta` intimata llum huma normali u jokkupa l-kariga ta' 'Head Helicopter Services'.

Ghalhekk it-Tribunal irid jinvestiga l-ilmenti li ghamel ir-rikorrent bejn il-perjodu Settembru 1988 fejn gie trasferit ghall-'Advertising Section' u Jannar 1997 meta gie mahtur bhala 'Manager Helicopter Services'.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali t-Tribunal huwa sodisfatt illi f'dan il-perjodu r-rikorrent inghata hafna trasferimenti illi mhux kollha kienu fl-interess la tieghu u lanqas tal-Kumpanija. Jista' jaghti l-kaz li kien hemm xi zmien meta r-rikorrent kien qed ikun difficli mal-klijenti tal-Kumpanija kif xehed Joe Cappello li kien ic-Chief Operating Officer (fol 49). Pero x-xhieda ta' Cappello hija kontrastata ma' dik ta' Leslie Muscat a fol 55 fejn min-naha ta' dan ta' l-ahhar ma sab l-ebda diffikulta fir-relazzjonijiet professjonali mar-rikorrent u lanqas ir-rikorrent mal-bqija ta' l-staff. Ghalhekk it-Tribunal wisq jissuspetta illi seta' kien hemm xi zmien meta saret xi forma ta' vendikazzjoni fil-konfront tar-rikorrent meta inghata traferimenti lejn Dipartimenti fejn ma kien isir xejn fihom, illi kienu biss presta nome sabiex jitqieghed f'post imwarrab u ma jigix f'kuntatt ma nies ohra. It-Tribunal ma jaqbilx mal-konkluzzjoni maghmula min Alphonse Caruana fuq appell maghmul mir-rikorrent mid-decizjoni tal-Bord tas-socjeta` intimata li jaghtuh xi trasferimenti, fejn Caruana (fol 18) wasal ghal konkluzzjoni illi l-appelant cioe` r-rikorrent ghamel "montatura ta' fatti fejn qal illi hu waqt li dejjem ghamel mill-ahjar biex jaghti rizultati tajbin mit-30 ta' Lulju 1987 gie diskriminat hafna." Is-Sur Caruana kompla biex qal illi "ghaldaqstant jiena jidhirli ma

rrizultax li saret ingustizzja ma’ l-appelant is-Sur Charles Buttigieg m’ghandux kaz validu ghal appell tieghu.”

Dan it-Tribunal ma jidhirlux illi r-rikorrent ghamel montatura ta’ fatti meta hu lmenta mid-decizzjonijiet tas-socjeta` intimata illi titrasferih minn post ghall-iehor minghajr ma ttih xoghol adegwat jew konformi mal-grad tieghu. Is-Sur Muscat a fol 55 jirrikonoxxi illi meta r-rikorrent gie jirraporta lilu dan kien wara trasferiment minn hafna dipartimenti. It-Tribunal jidhirlu illi mhuwiex tajjeb ghal individwu u lanqas ghal Kumpanija illi haddiem ‘Managerial Staff’ jinghata hafna trasferimenti f’Dipartimenti fejn m’ghandux xoghol jew inkella xoghol li jista’ jsir minn grad anqas, peress illi dan ikun ta’ xkil ghal produttivita tal-haddiem b’konsegwenza negattivi ghas-socjeta` koncernata. It-Tribunal jirrikonoxxi illi fil-perjodu in ezami u cioe` minn Settembru 1988 sa Jannar 1997 ir-rikorrent gie diskriminat u minhabba f’hekk dahal f’cirku vizzjuz fejn huwa ma setax jaghti dak il-kontribut illi huwa seta’ jaghti lis-socjeta` intimata. Bhal ma diga inghad, seta’ nghata l-kaz illi kien hemm xi zmien meta r-rikorrent kien difficli mal-klijenti tas-socjeta` intimata pero ma jidhirx li din kienet xi haga permanenti jew inkella xi karatteristika tal-karattru tieghu illi jaghmluha difficli sabiex jirrelata pozittivament man-nies ta’ madwaru. Fil-fatt ma jidhirx li kien hemm xi problemi meta r-rikorrent kien qed jirraporta direttament lil Leslie Muscat. Fil-fatt illum ma jidhirx illi hemm xi lmenti min-naha tas-socjeta` intimata fil-konfront tar-rikorrent.

Peress illi mhux il-kaz li t-Tribunal iressaq l-arlogg lura u jaghti rimedju kompensattiv irid jirrikorri ghal kumpens kif stipulat fl-artikolu VII (d) ta’ l-Att VII ta’ l-1997 fejn jista’ jirrakomanda hlas ta’ kumpens f’kaz illi ma jkunx possibli illi r-rikorrent jinghata lura l-promozzjoni jew li jitnehhew hatriet ingusti illi jkunu saru, u ghalhekk “arbitrio bono viri” t-Tribunal jidhirlu li ghandu jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta` intimata illi thallsu l-kumpens ta’ Lm1000 ghall-ingustizzji li huwa sofra fil-perjodu fuq msemmi. Bl-ispejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------